## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# KUMPILAZZJONI NRU. 787/04: IL-PULIZIJA (SPETTUR WAYNE RODNEY BORG) V. NAZZARENO DALLI (KI. 120881M)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**14 ta' Marzu 2023**

IL-QORTI,

wara li rat l-akkużi maħruġa kontra Nazzareno Dalli[1], li ġie mressaq taħt arrest fis-seduta tal-20 ta' Settembru 2004, imwieled il-Pieta' fl-20 ta' Frar 1981, dak iż-żmien residenti fl-indirizz: 33, Triq Santu Rokku, Bormla, detentur tal-karta tal-identità numru 120881M ("l-akkużat" jew "id-Difiża") mixli illi fid-19 ta' Settembru 2004 u fil-ġranet u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmulha b'riżoluzzjoni waħda:

a. iffalsifika biljetti tal-flus kif ukoll mexxa biljetti tal-flus falsifikati, liema biljetti tal-flus falsifikati huma ta' flus Maltin, meta kien jaf li huma falsifikati;
(Dan bi ksur ta' l-Artikolu 45 tal-Kap 204 u ta' l-Artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

b. u aktar talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza leggittima jew ragonevoli xtara jew irceva minghand xi persuna, kif ukoll kellu fil-pussess tieghu, biljetti tal-flus Maltin falsifikati, meta kien jafu li l-istess huma falsifikati;
(Dan bi ksur ta' l-Artikolu 46 tal-Kap 204 u ta' l-Artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

[1] Fol 1-3

c. u aktar talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, kif wkoll talli xjentement ghamel uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza;

(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 183 u 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

d. u aktar talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi folox, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' anqas minn LM100 ghad-dannu ta' Paul & Rocco Service Station, Cassar Service Station, diversi pompi tal-petrol u sidien tal-petrol stations ohra, u persuni ohra;

(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

e. u aktar talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, ikkommetta serq ta' diesel u petrol minn diversi petrol Stations, fosthom Paul & Rocco Service Station tal-Marsa, Cassar Service Station taz-Zejtun u pompi ohra, ghad-dannu tas-sidein ta' l-istess pompi u persuni ohra, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-lok;

(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 263, 269 u 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

f. u aktar talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex imexxihom jew ibieghihom;

(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18 u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

wara li rat li fl-eżami li sar lill-akkużat ai termini tal-Art. 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta fis-seduta tal-20 ta' Settembru 2004 l-akkużat wieġeb li ma kienx ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba kontrih[2],

wara li rat it-traskrizzjoni tat-testimonjanza tal-iSpettur Ian Joseph Abdilla[3],

[2] Fol 8
[3] Fol 14-19

wara li rat l-att tal-Avukat Ġenerali tat-3 ta' Ġunju 2005[4] li bih billi dehrlu li tista' tinstab ħtija taħt l-Artikoli 18, 23, 30, 183, 184, 261(b), 261(e), 261(f), 263, 264, 265, 266, 269, 270, 278, 280, 281, 308, 309, 310, 334 u 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u taħt l-Artikoli 45(1) u 46 tal-Kap. 204 tal-Liġijiet ta' Malta, ai termini tal-Art. 370(3)(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, bagħat lura l-atti tal-kumpilazzjoni sabiex l-akkużat ikun ġġudikat minn din il-Qorti fin-nuqqas ta' oġġezzjoni mill-istess akkużat, b'dan pero' illi skond kif jipprovdi l-Art. 370(3)(f), l-Qorti kellha tisma' lix-xhieda indikati fl-istess att qabel ma' ssaqsi lill-akkużat jekk għandux oġġezzjoni li l-każ jiġi ttrattat bi proċedura sommarja;

wara li rat li fis-seduta tal-25 ta' Lulju 2005 l-Ispettur Prosekutur iddikjara li apparti rappreżentant ta' "Paul & Rocco Service Station", PC 273, PC 290 u Adrian Scicluna, l-Prosekuzzjoni ma kellix aktar provi xi tressaq[5],

wara li rat li fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2005 ma sar xejn[6],

wara li rat li fis-seduta tal-20 ta' Frar 2006 l-Ispettur Prosekutur iddikjara li l-uniku xhud li kien fadallu tal-Proskeuzzjoni kien Adrian Scicluna li pero' ma xtaqx jixhed f'dak l-istadju stante illi kellhu kawża pendenti[7],

wara li rat li fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2006 ma sar xejn[8],

wara li rat li fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2006 l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara li l-proċeduri kontra Adrian Scicluna kienu għadhom pendenti u dan ma xtaqx jixhed f'dak l-istadju[9],

wara li rat li l-istess dikjarazzjoni reġgħet saret fis-seduta tal-5 ta' Frar 2007[10],

wara li rat li fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2007 ma sar xejn peress illi l-Uffiċjal Prosekutur talab differiment[11],

wara li rat li fis-seduta tal-20 ta' Settembru 2007 l-Uffiċjal Prosekutur reġa' ddikjara li l-proċeduri kontra Adrian Scicluna kienu għadhom pendenti u li dan ma xtaqx jixhed f'dak l-istadju[12],

---

[4] Fol 44
[5] Fol 45
[6] Fol 46
[7] Fol 47
[8] Fol 48
[9] Fol 49
[10] Fol 50
[11] Fol 51
[12] Fol 53

wara li rat li fis-seduta tat-28 ta' April 2008, 6 ta' Ottubru 2008, 29 ta' Jannar 2009 u 11 ta' Mejju 2009 ma sar xejn[13],

wara li rat li fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2009 l-Ispettur Prosekutur iddikjara li l-uniku xhud li kien fadallu tal-Proskeuzzjoni kien Manwel Bianchi li pero' ma xtaqx jixhed f'dak l-istadju stante illi kellhu kawża pendenti[14],

wara li rat li l-istess dikjarazzjoni reġgħet saret fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2010[15],

wara li rat li fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2010 u 6 ta' Diċembru 2010 ma sar xejn[16],

wara li rat li fis-seduta tat-23 ta' Marzu 2010 l-Uffiċjal Prosekutur reġa għamel id-dikjarazzjoni li kien għamel f'seduti preċedenti dwar il-fatt li l-aħħar xhud tal-Prosekuzzjoni ma setgħex jixhed minħabba proċeduri pendenti kontra tiegħu[17],

wara li rat li fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2021 reggħet saret l-istess dikjarazzjoni b'dan li l-Prosekuzzjoni nfurmat ukoll lill-Qorti li l-proċeduri msemmija kienu fl-istadju tal-appell[18],

wara li rat li l-istess dikjarazzjoni saret fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2012 b'dan pero' li dakinhar il-Qorti qalet illi: "*din il-kawża ila pendenti mis-sena 2004, li l-aħħar verbal kienet tħalliet għal lum għal provi prosekuzzjoni. Jikkonċedi l-aħħar differiment qabel ma' jiddeċiedi l-kawża"*[19],

wara li rat li fis-seduta tal-11 ta' Ġunju 2012, 20 ta' Novembru 2012, 5 ta' Marzu 2023 u 23 ta' Mejju 2013 ma sar xejn[20],

wara li rat li fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2013 wara li għal darb' oħra ma kien sar xejn il-Qorti ħalliet il-kawża *sine die*[21],

wara li rat illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta permezz tal-assenjazzjoni magħmula ai termini tal-Artikolu 520(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 11(9) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta b'effett mill-10 ta' Mejju 2019,

---

[13] Fol 55-61
[14] Fol 62
[15] Fol 63
[16] Fol 65-66
[17] Fol 67
[18] Fol 68
[19] Fol 69
[20] Fol 70-74
[21] Fol 75

wara li rat illi b'digriet tad-9 ta' Awwissu 2022[22] il-Qorti laqgħet it-talba tal-Uffiċjal Prosekutur magħmulha permezz ta' rikors ippreżentat fl-4 ta' Awwissu 2022[23] sabiex il-kawża tiġi riappuntata mill-ġdid,

wara li rat li fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2022 il-Prosekuzzjoni ippreżentat estratt miċ-ċertifikat tal-mewt ta' Adrian Scicluna u ddikjarat li m'għandiex provi xi tressaq[24],

wara li rat li fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2023 l-imputat iddikjara li ma kienx ser jixhed jew iressaq provi[25] u inoltre l-avukat difensur talab li l-Qorti tisfilza l-istqarrijiet tal-imputat fol 20-24 stante illi dawn ngħataw fi żmien meta l-liġi ma kienetx tipprovdi għall-għarfien lill-imputat tad-dritt li jkun assistit qabel u waqt l-interrogatorju,

wara li rat li fl-istess seduta l-Qorti ħalliet il-kawża għas-sentenza u ddikjarat li kienet ħa tiddeċiedi fuq din it-talba tal-avukat difensur fis-sentenza tagħha stess,

wara li rat li fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2023 il-Qorti staqsiet lill-akkużat jekk kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi ttrattat bi proċedura sommarja u wara li tatu żmien xieraq sabiex iwieġeb għal din il-mistoqsija dan wieġeb li ma kellu l-ebda oġġezzjoni f'dan ir-rigward,

wara li rat li għal kull bwon fini matul l-istess seduta l-Prosekuzzjoni reġgħet iddikjarat li ma kellix iktar provi xi tressaq u l-imputat reġa ddikjara li ma kienx ser jixhed u lanqas iressaq provi,

wara li rat l-atti proċesswali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Qabel xejn il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li din il-kawża hija eżempju klassiku ieħor ta' proċeduri ġudizzjarji mġebbda bla bżonn fejn fi kważi għoxrin sena tressaq biss xhud wieħed (li huwa l-uffiċjal prosekutur innifsu!) u ma sar xejn ħlief kantaliena ripetuta min-naħa tal-Prosekuzzjoni illi din kellha biss xhud rimanenti li ma xtaqx li jixhed peress illi kellu proċeduri pendenti fil-konfront tiegħu. Il-Qorti tikkunsidra pero' illi apparti mill-fatt illi l-Prosekuzzjoni kellha ukoll tressaq xhieda oħra (indikati mill-Avukat Ġenerali fl-artikoli) u apparti ukoll mill-fatt illi dan ix-xhud rimanenti xi drabi ngħad mill-Prosekuzzjoni li kien ċertu Adrian Scicluna u drabi oħra ingħad li kien ċertu Manwel Bianchi, l-Uffiċjal Prosekutur kellu jieħu ħsieb illi jtella' lil dawn il-persuni jixhdu quddiem il-Qorti sabiex jekk iridu

[22] Fol 77
[23] Fol 76
[24] Fol 82
[25] Fol 89

jeżerċitaw id-dritt tagħhom li ma jixhdux sabiex ma jinkriminawx ruħhom stante proċeduri kriminali pendenti kontrihom naxxenti mill-istess fatti, **jagħmlu hekk quddiem il-Qorti stess**. Għal xi raġuni jew oħra għal snin twal l-Uffiċjal Prosekutur ippersista b'dan l-aġir tiegħu u l-Qorti ħallietu jibqa' jagħmel hekk qabel ma finalment iddeċidiet li tħalli l-kawża *sine die*.

2. Fir-rigward tat-talba tal-avukat difensur magħmulha fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2023 għall-isfilz taż-żewġt stqarrijiet tal-imputat a fol 20-24, il-Qorti tikkunsidra illi l-akkużat ma kienx ġie mgħarraf illi huwa seta' jkun assistit minn avukat **qabel** ix-xhieda tiegħu u dan proprju għaliex dak iż-żmien tali dritt ma' kienx għadu daħal fis-seħħ fil-liġi tagħna. Filfatt kien permezz tal-Artikoli 355AT u 355AU tal-Kap. 9, introdotti bl-Artikolu 74 tal-Att III tal-2002, li emenda l-Kodici Kriminali, u li ġew biss fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010 bl-Avviż Legali 35 tal-2010, li għall-ewwel darba ngħata espressament dritt ta' aċċess għal avukat lil persuna li tiġi arrestata u dan taħt il-kundizzjonijiet indikati fil-liġi.[26]

3. Il-Qorti tara li filwaqt li l-ġurisprudenza lokali fuq id-dritt tal-assistenza minn avukat **matul** l-investigazzjonijiet kienet u għada xi ftit jew wisq konfliġġenti (sitwazzjoni li tirrifletti ukoll in-nuqqas ta' uniformità' fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem), madanakollu hija posizzjoni ormai assodata illi fir-rigward ta' stqarrijiet li ngħataw qabel Frar 2010 u ċioe fi żmien meta kien hemm projbizzjoni assoluta għal persuna suspettata li tikseb parir legali jew li tkun assistita minn avukat **qabel** ma tiġi interrogata, il-Qrati għandhom jisfilzaw dawn l-istqarrijiet jew iqisuhom bħala prova inammissibbli.

4. Għalhekk ġadaladarba l-istqarrijiet tal-imputat f'din il-kawża ngħataw qabel Frar tal-2010 il-Qorti tara illi t-talba tal-avukat difensur tagħhom għall-isfilz tagħhom għandha tintlaqa' fis-sens illi għalkemm għall-finijiet ta' kompletezza tal-proċess għandhom jibqgħu fih, il-Qorti qed tiddikjara illi hija m'hijiex qed tqis tali stqarrijiet bħala provi ammissibbli.

5. Il-Qorti jibqala biss dak li xehed l-uffiċjal prosekutur, dak iż-żmien l-iSpettur Ian Abdilla, fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2004 meta dakinhar *inter alia* spjega illi wara

[26] fit-28 ta' Novembru 2016 imbagħad bis-saħħa tal-Avviż Legali 401 tal-2016 ġew fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tal-Att numru LI tal-2016 magħruf bħala l-'ATT biex jipprovdi għal assistenza legali **waqt** detenzjoni u drittijiet oħra għal persuni arrestati'. Dan l-Att ittraspona fil-Liġi Maltija d-'Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal- libertà'

investigazzjoni intensiva mill-Pulizija tal-Iskwadra kontra r-Reati Ekonomiċi fl-użu ta' karti tal-flus foloz fil-magni awtomatiċi ta' numru ta' *petrol stations* fin-nofsinhar ta' Malta, il-Pulizija kienu waslu għall-arrest tal-imputat flimkien ma żewġt persuni oħra. L-iSpettur Abdilla xehed illi l-imputat identifika lilu nnifsu f'wieħed mir-ritratti esebiti li ġew elevati mis-*security cameras* tal-pompa tal-petrol ta' Paul & Rocco tal-Marsa. Inoltre il-Pulizija kienet daħlitilhom kwerela minn persuna oħra illi qal li kien irċievha flus foloz mingħand l-imputat.

6. Kif ġa ngħad, il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova oħra u għalhekk huwa ovvju li f'dawn iċ-ċirkustanzi l-Qorti ma tistax ħlief tillibera lill-akkużat fuq nuqqas ta' provi.

**Deċiżjoni**

7. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tillibera lill-akkużat mill-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu stante nuqqas ta' provi.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur